SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 43/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/04/'11 272**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/04/'11 327**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 28 t'April 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier Edgar Montanaro.

1.05 Kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-21 t'April 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat
4. Finanzi tal-Kunsill - Servizz ta' Accountant
5. Aġġornament fuq l-iskemi tal-Housing
6. Aġġornament Jum Lapsi
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 42/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 42/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 4 qabel item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 4 Finanzi tal-Kunsill

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Louis Padovani tefgħa r-rizenja tiegħu mill-*accounting services* li jipprovdi, b'effett immedjat (ara inc. 2103/11 – Appendiċi 'A').

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li kull materja konnessa ma' l-accounts sa l-2010 jibqa' responsabbli għaliha s-Sur Loius Padovani.

4.03 Saret riferenza għall-korrispondenza 2041/11 (Ara Appendiċi 'B'), fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi rċieva e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar **"Audit Report 2009 – Re : Grants & Donations".** Kopja ta' din l-korrispondenza ntbagħtet lill-accountant tal-Kunsill (Ara Appendiċi 'C') u l-kjarifika fuq din il-materja (Ara Inc. 2266/11 – Appendiċi 'D') ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz tal-korrispondenza K0518/157&Quot./11-MM (Ara Appendiċi 'E').

4.04 Hawnhekk is-Sur Padovani ta spjegazzjoni tal-kontenut ta' l-inc. 2266/11. B'riferenza għas-Sage spjega li d-differenza hija minħabba l-accounting treatment.

4.05 Is-Sur Padovani għamel riferenza għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-NAO (Ara Inc. 1291/11 – Appendiċi 'F') u nforma lill-Kunsill illi saru l-aġġustamenti fin-noti tal-financial statements kif mitlub u li dawn l-aġġustamenti ntbagħtu lill-NAO.

4.06 Saret riferenza għad-draft management letter (Ara Inc. 2168/11 Appendiċi 'G') u għall-korrispondenza dwar l-aġġustamenti li qed jipproponu l-awdituri (Ara Inc. 2167/11 Appendiċi 'H') kopja ta' dawn ingħata lill-Accountant tal-Kunsill għall-azzjoni neċessarja.

4.07 Is-Sur Padovani spjega li fir-rigward id-draft management letter qed tiġi ppreparata r-risposta biex tiġi għall-konsidirazzjoni tal-Kunsill filwaqt li fir-rigward l-aġġustamenti 'AJE 1' il-Kunsill mexa mal-memo 7/2011 li tittratta dwar ir-Reviżjoni Fl-Onorarja (Ara Appendiċi 'I').

Dwar l-aġġustamenti l-oħra (AJE2 u 3) l-accountant spjega li hemm bżonn xi kjarifikazzjonijiet mingħand l-awdituri u fir-rigward l-RJE 1 u 2 ser isiru l-aġġustament li hemm bżonn.

4.08 Is-Sur Padovani spjega li l-aġġustamenti ta' l-RJE's m'għandhomx jaffettwaw il-financial statements u jistghu isiru filwaqt li l-aġġustamenti l-oħra jistgħu jsiru fis-sena finanzjarja 2011.

4.09 Il-Kunsill talab lis-sur Padovani biex jibgħat l-ispjegazzjoni bil-miktub u rega' ġibed l-attenzjoni li kull materja konnessa ma' l-accounts sa l-2010 tibqa' ir-responsabilita' tiegħu.

4.10 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ronald Agius ippropona li jiġu approvati l-aġġustamenti li saru fin-noti tal-financial statements (Ara Appendiċi 'J') u jekk is-Sur Padovani jagħmel xi aġġustamenti oħra li ser jaffettwaw il-finanacial statements dawn huma approvati ukoll bl-aġġustamenti li jsiru iżda jekk is-Sur Padovani ma jilħaqx jagħmel l-emendi kollha meħtieġa qabel it-2 ta' Mejju 2010 il-financial statements jiġu sottomessi kif inhuma.

4.11 Iċ-Chairman issekondah.

4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Servizz ta' Accountant**

4.13 Il-Kunsill ġie nfurmat li min-naha ta' l-accountant għadhom ma bdewx jiġu *posted* l-*accounts* ta' din is-sena finanzjarja.

4.14 Wara diskussjoni ġie deċiz unanimament li:-

- Tinħareġ sejħa għal offerti għas-servizz ta' accountant.
- tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġi nfurmat li l-accountant tal-Kunsill tefgħa r-

riżenja tiegħu mill-*accounting services* li jipprovdi, b'effett immedjat, u fl-istess waqt id-Dipartiment jiġi nfurmat illi peress li għadhom ma bdewx jiġu *posted* l-*accounts* ta' din is-sena finanzjarja il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment sabiex jiġi eżentat minn kull multa li jista' jeħel il-Kunsill sakemm tinħareġ sejħa għal offerti u jintgħażel l-accountant il-ġdid u jiġu regolarizzati l-*accounts* tal-Kunsill. Dan minħabba li Kunsill ma jistax jissottometti r-rapporti finanzjarji mitluba bil-liġi fil-ħin.

4.15 Iċ-Chairman u l-accountant ġew skużati fl-4.40 pm.

4.16 Il-Viċi-Sindku kompla jippreciedi l-laqgħa.

4.17 Fir-rigward tal-kontijiet tas-Sur Louis Padovani, invoice nos. 110301 u 110302 datati 28 ta' Marzu 2011 (Ara Appendiċi 'K') ġie deċiż unanimament li għalissa jitħallew 'on hold'.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1771 | Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 29/2011 – Ġbir ta' Skart. |
| 1779 | Ittra mingħand id-Dilettanti Knisja ta' Lapsi San Ġiljan rigward il-pubblikazzjoni Lapsi. |
| 1829 & K0424 | Email mingħand Adrian Mifsud f'isem l-UDITE rigward EUCDM Opportunita ta' Taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi. |
| 1873 | Email mingħand l-ARMS rigward it-trasferiment ta' l-isem tal-kontijiet. |

1876 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 89/2009 – Allowance lill-Kunsilliera.

2066 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 34/2011 – Monitoraġġ tal-użu tas-sistema tal-*Customer Care*.

2071 Email mingħand Keith Azzopardi rigward stqarrija fuq l-attivitajet f'ġieħ il-50 anniversarju mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali.

2134 Email mingħand Denise Cachia rigward parking b'xejn ġo Le Meridien *Car Park*.

2172&K502

2260 Email mingħand Dr. Filletti rigward 'ittra uffiċjali Kunsill Lokali San Giljan'

2267 Email mingħand il-Banif Bank rigward it-talba għall-isponsorship ta' Festa Lapsi.

2271 Email mingħand il-Water Services Corporation rigward ittra uffiċjali Kunsill Lokali San Ġiljan.

2292 Email mingħand il-VellJo rigward invoices tal-Waste Serv.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 1771

2.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 29/2011 – Ġbir ta' Skart. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintgħalab li ssir laqgħa mal-Electro Waste Malta Ltd. u jiġu nfurmati l-Kunsilliera bid-data u l-ħin.

Rif. Nru. 1779

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dilettanti Knisja ta' Lapsi San Ġiljan rigward il-pubblikazzjoni Lapsi. Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat kopja ta' din l-ittra lill-

Green Mt biex tiġi applikata klawsola M "Kontribuzzjoni Ambjentali" tal-kuntratt li kien ġie ffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt fid-9 ta' Awissu 2010.

Rif. Nru. 1829 & K0424

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Adrian Mifsud, President ta' l-ASKLM rigward EUCDM – Opportunita' ta' Taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi ġewwa Spanja. Ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tattendi għal dan it-taħriġ u li tingħata terz tas-subsistence allowance kif ukoll tithallas l-insurance.

Rif. Nru. 2066

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 34/2011 – Monitoraġġ ta' l-użu tas-sistema tal-*Customer Care*. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li mhux aċċettat li jinżamm responsabbli s-Segretarju Eżekuttiv peress li l-impjegati għandhom jingħataw it-taħriġ meħtieġ u peress li s-sistema fiha ċerti nuqqasijiet.

Rif. Nru. 2071

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Keith Azzopardi rigward stqarrija fuq l-attivitajiet f'ġieħ il-50 anniversarju mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali. Ġie deċiż unanimament illi s-Sur Keith Azzopardi jiġi nfurmat illi bir-regolamenti l-ġodda l-Kunsill ma jistax jaċċetta t-talba tiegħu.

Rif. Nru. 2134

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand Ms Denise Cachia rigward talba biex isiru tabelli ta' 'parking b'xejn ġo Le Meridien *Car Park'*. Ġie deċiż unanimemant illi l-Kunsill ma jaqbilx li jsiru xi tabelli mar-*railings*, iżda ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsiru reklami dment li jinħareġ l-permess skont il-*Bye Laws* ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan) u li dawn

isiru skont s-*sample* tar-reklami diġa approvati mill-Kunsill.

Rif. Nru. 2292

2.07 Saret riferenza għall-email mingħand il-VellJo rigward l-invoices tal-Waste Serv. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jibgħat kopja ta' din l-email lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u d-Dipartment għall-Gvern Lokali għall-attenzjoni tagħhom.

## 3 Tender – Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet korrispondenza K0500/Tend.Fl/11-MM lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Ara Appendiċi 'L'. Dan peress li jirriżulta li hemm xi punti li għandhom jiġu kkjarifikati qabel ikun jista' jitkompla l-proċess ta' l-evalwazzjoni tat-tender.

## 5 Aġġornament fuq l-iskemi tal-Housing

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ntbagħtu żewġ talbiet lill-Perit Stephen Farrugia (Ara K0505/Proj.Fl/11-MM u K0505/Proj.Fl/11-MM – Appendiċi 'M' u 'N') sabiex isir appuntament biex isiru l-istejjem għaż-żewġ skemi ta' hawn taħt:-

- Scheme 2 – Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern, għax-xogħolijiet fil-partijiet komuni tal-flats;
- *Insaħħu l-Komunita' – Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binijiet tal-Gvern,* għax-xogholijiet għall-*Upgrading* u *Maintenance* tal-madwar il-Binjiet tal-Gvern.

## 6 Aġġornament Jum Lapsi

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li għadhom għaddejjin il-preparamenti u qed isiru diversi laqgħat sabiex din l-attivita' tkun ta' suċċess.

## 7 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

7.01 Iċ-Chairman ressaq u ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'O').

7.02 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

7.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2998 sa 3010 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'P').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2998 sa 3010.

8.03 Iċ-Chairman issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9 Materji Oħra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Nhar il-Erbgħa 20 t'April 2011, fit-3.00p.m., saret il-laqgħa mal-Vice Squad. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Peter Bonello, il-Viċi-Sindku Richard Scicluna u l-Kunsillier Ronald Agius flimkien mas-Surġent Rachel Aquilina u PC Rueben Sammut. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi il-prostitużżjoni, nies nieqsin, vjolenza domestika, *rape*, u illegal *gambling*;

- Nhar it-Tlieta 26 t'April 2011, fis-1.00p.m. saret laqgħa mas-Supretendent Martin Bayliss u l-Ispettur Mario Tonna. Preżenti għal din il-laqgħa kienu s-Sindku u l-Viċi-Sindku. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss it-traffic management ;

- Nhar il-Erbgħa 27 t'April 2011, fid-9.00a.m. saret laqgħa mal-MEPA. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Peter Bonello, u l-Kunsillieri Irene Borg u Ronald Agius u l-Perit tal-Kunsill Stephen Farrugia. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss l-izvilupp ta' l-area ta' San Ġiljan (Ara appendiċi 'Q');

- L-Offerti għall-*insurance policy* tagħlaq nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju 2011 fl-10.30a.m.;

9.02 Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat il-Ministeru tax-Xogħolijiet biex jerġa jitpoġġa l-bridge ta' l-injam fuq il-blat taħt it-Triq G.B.Olivier, li kien inqala bil-baħar qawwi.

9.03 Inġieb għal attenzjoni tal-Kunsill fuljett dwar 'MultiSits TRI-ON (Ara Appendiċi 'R').

9.04 Ġie deċiż unanimament li jsir dust bin quddiem il-pitch ta' San Ġiljan.

9.05 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-6.15pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**